22 ta' Jannar 2015
10/2015

JITĦABBRU L-MEMBRI TAL-KUMMISSJONI GĦALL-ĦARSIEN TAT-TFAL U L-ADULTI VULNERABBLI

Il-Kummissjoni għall-Ħarsien tat-Tfal u l-Adulti Vulnerabbli, li taqa' taħt ir-responsabilità tal-Konferenza Episkopali Maltija, ser tkun magħmula minn ħames membri. Dawn huma: Andrew Azzopardi, bħala Kap tal-Kummissjoni, Dott. Roberta Attard, Dr Kevin Borg, Fr Antoine Farrugia S.D.B. u Ms Clarissa Sammut Scerri. Żewġ persuni oħra, Dr Joseph Sammut u Mariella Fenech Pace, ser jaqdu r-rwol ta' konsulent legali u ta' amministratur, rispettivament.

Andrew Azzopardi

Andrew huwa kwalifikat bħala *social worker* u jispeċjalizza fil-ħarsien tat-tfal. Prattika l-professjoni tiegħu fis-settur pubbliku fejn għal xi żmien kien ukoll maniġer. Ikkonkluda investigazzjonijiet kumplessi ta' abbuż ta' tfal, u ħadem ma' tfal ta' immigranti irregolari. Ħadem mal-NSPCC fejn wettaq valutazzjonijiet ta' riskju u f'każi ta' abbuż sesswali fuq tfal, ta terapija lill-vittmi kif ukoll lil dawk li għamlu r-reati sesswali. F'dawn l-aħħar snin mexxa t-tim li jinvestiga każi ta' nuqqas ta' ħarsien tat-tfal u adulti vulnerabbli fil-*Football Association* tal-Ingilterra. Andrew lesta b'suċċess kors *postgraduate* fil-politika internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem mis-City University London. Andrew huwa l-Kap tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tat-Tfal u l-Adulti Vulnerabbli.

Dott. Roberta Attard

Roberta hija kwalifikata bħala psikologa klinika u ħaddiema soċjali mħarrġa fit-Teorija Sistematika. Għandha esperjenza vasta fil-qasam ta' problemi kliniċi fost it-tfal u l-adoloxxenti, fil-psikoterapija tat-tfal, fil-psikoloġija forensika tat-tfal, fil-ħarsien tat-tfal u fl-investigazzjoni ta' abbuż fuq it-tfal. Roberta ħadmet f'ambjenti differenti ma' tfal u adoloxxenti trawmatizzati permezz ta' psikoterapija individwali jew fi gruppi, fejn tispeċjalizza fl-użu ta' tpinġijiet, logħob u tekniki psikoterapewtiċi. Tagħmel superviżjoni u tipprovdi konsulenza lil professjonisti u istituzzjonijiet oħra u permezz ta' *workshops* tagħti taħriġ dwar metodi kreattivi ta' terapija ma' tfal b'diffikultajiet psikoloġiċi, ta' mġiba u soċjali. Hija *lecturer full-time* fid-Dipartiment tal-*Counselling* u konsulenta fuq diversi bordijiet tal-Istat u programmi tal-Gvern dwar għajnuna li tingħata lil minuri vulnerabbli.

Dr Kevin Borg

Kevin iggradwa bħala tabib fl-2006 u beda jispeċjalizza fil-pedjatrija fl-2008 fejn żviluppa interess speċjali fil-ħarsien tat-tfal. Matul l-aħħar sena lesta taħriġ barra minn Malta, taħt is-superviżjoni ta' esperti ewlenin fil-*University College London Hospital* u fil-*Great Ormond Street Hospital*. Dan it-taħriġ ġie rikonoxxut mir-*Royal College of Paediatrics and Child Heath*. Kevin evalwa każi ta' għadd ta' tfal li dwarhom kien hemm allegazzjonijiet ta' trattament ħażin, b'mod partikolari ta' abbuż sesswali. Ippubblika materjal marbut mal-ħarsien tat-tfal f'ġurnali speċifiċi lokali u internazzjonali. Bħalissa Kevin qed jagħmel MSc fis-saħħa tat-tfal mal-Università ta' Warwick fejn qed jispeċjalizza fil-ħarsien tat-tfal.

Fr Antoine Farrugia S.D.B.

Fr Antoine huwa edukatur Sależjan, irreġistrat ukoll bħala ħaddiem soċjali. Jaħdem fost iż-żgħażagħ u familji f'sitwazzjonijiet diffiċili, b'mod partikolari permezz ta' servizzi residenzjali għal żgħażagħ u tfal li m'għandhomx ġenituri li jieħdu ħsiebhom. Wara li ħa taħriġ f'Malta u f'pajjiżi oħra fl-Ewropa, Fr Antoine ħadem f'livelli differenti - għoti ta' servizz, maniġment u politika, ma' NGOs, istituzzjonijiet edukattivi u entitajiet tal-Gvern f'Malta, fl-Irlanda u fi Brussell. Fr Antoine huwa kwalifikat fis-superviżjoni u taħriġ tal-ħaddiema soċjali, *care workers* u voluntiera li jagħtu servizz lil żgħażagħ li jkunu f'sitwazzjonijiet diffiċili. Iggradwa b'MSc fil-Ħarsien tat-Tfal u Għajnuna Soċjali mit-Trinity College f'Dublin fl-2011. Bħalissa huwa chaplain tal-MCAST u Rettur tal-Komunità Sależjana fl-Isla.

Clarissa Sammut Scerri

Clarissa hi kwalifikata bħala Psikologa bi speċjalizzazzjoni fil-*Counselling,* Terapista tal-Familja u *supervisor* tat-terapija sistemika. Hi membru akkademiku *full-time* tad-Dipartiment tal-Istudji dwar il-Familja fl-Università ta' Malta u qed tagħmel Dottorat mal-Università ta' Surrey. Qabel ma daħlet fid-Dipartiment tal-Istudji dwar il-Familja fl-Università ta' Malta, ħadmet għal diversi snin fil-qasam tal-għajnuna soċjali. Kienet il-Kap u s-*supervisor* kliniku tat-Terapija tal-Familja u Servizzi Psikoloġiċi fi ħdan l-Appoġġ. L-ispeċjalizzazzjoni klinika tagħha tinkludi ħidma ma' individwi, koppji, familji u anke superviżjoni professjonali. L-interessi ewlenin tagħha huma studji dwar rabtiet emozzjonali u trawma psikoloġika b'mod partikolari dawk marbuta ma' vjolenza domestika u abbuż fil-familji.